MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 10/2001/1

**Anthony Gatt**

vs

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tal-Appell imressaq minn Anthony Gatt fl-20 ta’ Novembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija qiegħed jikkontesta deċiżjoni (Nru. 280/01) mogħtija fit-2 t’Ottubru, 2001, mill-Arbitru maħtur taħt is-setgħat tal-Att X tal-1987, li biha laqa’ l-appell tal-istess rikorrent mid-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali li jwaqqaflu l-ħlas ta’ għajnuna soċjali għall-qgħad minħabba li l-istess Direttur ma kienx soddisfatt li r-rikorrent tassew jgħix fl-indirizz mogħti, iżda minkejja li

ħassar id-deċiżjoni tad-Direttur, ordna wkoll li d-Direttur jerġa' jistħarreġ il-każ mill-ġdid "*fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali ta' dan l-appell*";

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali appellat fil-21 ta' Diċembru, 2001, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija tenna li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud;

Rat id-Degriet tagħha tal-24 t'April, 2002, li bih ordnat li kopja tal-atti li seħħew quddiem l-Arbitru u li wasslu għad-deċiżjoni appellata jiddaħħlu fil-proċess;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat appellat fl-10 ta' Ġunju, 2002[1], li magħha kien hemm mehmuża kopja tal-inkartament tal-proċediment quddiem l-Arbitru fil-każ tal-appellant;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi d-deċiżjoni appellata tgħid hekk;

"Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur li permezz taghha waqqaf il-hlas ta' l-ghajnuna socjali ghal waqt il-qaghad li kien ihallas lill-appelllant peress li sostna li l-appellant ma kienx qed joqghod fl-indirizz li huwa ta lid-Dipartiment u cioe` 51, Xatt il-Mollijiet, Marsa.  L-appellant sostna li huwa kien u ghadu joqghod f'dan l-indirizz.

Risposta tad-Direttur:-

3. "*1.  Illi s-Sur Gatt kien jiehu l-Ghajnuna Socjali ghal waqt il-qaghad ghal dawn l-ahhar 5 snin.*

[1] Paġġ. 11sa 52 tal-proċess

*2. Illifid-19 ta Gunju 2000, id-Dipartiment ircieva rapport anonimu li s-Sur Gatt mhux veru kien qed joqghod fil-post 51, Xatt il-Mollijiet, Marsa izda kien joqghod l-Imqabba u li dan il-post tal-Marsa kien qed jintuza "minn xi nisa".*

*4. Illi l-Ispetturi tad-Dipartiment ghamillu spezzjoni ghall-gharrieda fl-indirizz ta' l-appellant fis-27/06/00, 20/07/00 u 24/07/00. Fl-ewwel darbtejn ma fetah hadd u fit-tielet darba hargu ragel ta' nazzonalita` Asjana u mara prostituta.*

*5. Illi fit-13/8/00, l-appellant ghamel dikjarazzjoni fid-Dipartiment fejn qal li hu johrog kmieni mid-dar biex imur jistad. Huwa stqarr li ghandu hafna hbieb u li kultant xi hbieb juzaw il-post tieghu ghal "xi bicca xoghol".*

*6. Illi ghalhekk id-Dipartiment waqqaf il-pagament ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt li l-appellant kien qed jghix fl-indirizz imsemmi.*

*7. Illi d-Direttur ihoss li dan l-appell ma jqanqal ebda punt ta' ligi jew principju ta' mportanza u ghalhekk ghandu jigi michud."*

PROVI TA' L-APPELLANT

Affidavit ta' l-appellant:-

*"Nghid illi jiena ilni noqghod fil-fond bin0numru 51, Xatt il-Mollijiet, Marsa sa mis-sena 1983.*

*Nghid illi jiena qatt ma ccaqlaqt minn hemmhekk fis-sens illi mort noqghod bandohra u dana lanqas ghal perjodu temporanju.*

*Nghid ukoll illi jiena kont konsapevoli tal-fatt illi fdin l-ahhar sena kien hemm xi spetturi jew ufficcjali ta xi dipartiment governattiv illi qed jaghmlu xi tip ta investigazzjoniji dwari.*

*Nghid illi jiena dana nafu ghaliex kont nara karozza tal-lewn celesti ta spiss iddur u tieqaf fl-akwati ta fejn noqghod jiena.*

*Nghid u nikkonferma illi meta kont inkun gewwa d-dar tieghi ghalkemm dawn kienu jigu fuq il-post huma qatt ma habtuli jew staqsewni xi mistoqsijiet.*

*Nghid illi jiena matul il-gurnata nohrog ghaliex ghalkemm jiena ma nahdimx jiena ma nissaportix gurnata gewwa u xorta wahda nipprova nimpenja l-hin tieghi b'xi delizzju.*

*Nghid u nispjega illi dakinhar illi gew ihabbtu dawn l-ispetturi jiena ma kontx id-dar u fil-fatt dakinhar habib tieghi li ma nixtieqx illi nizvela ismu jew intellghu jixhed ghaliex huwa mizzewweg kien talabni illi jqatta' xi ftit hin gewwa d-dar tieghi ma' mara ohra u qalli wkoll biex inzomm kollox kunfidenzjali sabiex huwa ma jkissirx familja.*

*Nghid illi bhala habib tieghi jiena accettajt u sliftu dari ghal xi ftit sighat u xejn aktar."*

Kontro-ezami:-

*"Fil-post 51, Triq Xatt il-Mollijiet, Marsa jiena ghandi s-servizzi kemm tad-dawl kif ukoll ta' l-ilma. Qed nigi mitlub sabiex nipprezenta l-ahhar kont tad-dawl u ta' l-ilma u nobbliga ruhi li sa seduta ohra nipprezenta dan il-kont. Mistoqsi jekk ghandhiex f'idejja dan il-post 51, Triq Xatt il-Mollijiet il-Marsa b'titolu ta kera nirrispondi fin-negattiv u cioe` illi jien mghandiex dan il-pos f'idejja b'kera. Fil-prezent jien nghix wahdi f'dan il-fond pero` kien hemm zmien li ma kontx wahdi."*

Affidavit ta Joseph Vassallo:-

*"Nghid illi jiena ghandi post numru 53, Triq Xatt il-Mollijiet, Marsa.*

*Nghid illi jiena ghalkemm ma noqghodx fl-imsemmi post, jiena nkun ta' sikwit hemmhekk f'hinijiet differenti tal-gurnata ghaliex hemmhekk immur nghaddi z-zmien inrabbi xi fniek u nilghab bxi xoghol ta' l-injam.*

*Nghid illi jiena ilni naf lil certa Anthony Gatt ghal madwar sbatax-il sena.*

*Nghid illi dan Anthony Gatt joqghod bieb ma' bieb mal-post illi ghandi jiena.*

*... illi jiena meta inkun hemmhekk, dejjem nara lil dan Anthony Gatt ghaliex dan ....li ma jahdimx.*

*Nghid u nikkonferma illi dan Anthony Gatt sa minn meta ilni nafu dejjem baqa' joqghod u jirrisjiedi fi Triq Xatt il-Mollijiet, Marsa u qatt ma biddel ir-residenza tieghu."*

PROVI TAD-DIRETTUR

Xhieda ta Ian Napier:-

*"Jiena ufficcjal Ezekuttiv fis-sezzjoni tal-Benefit Fraud & Investigations Unit tad-dipartiment tas-Sigurta` Socjali.*

*Qed nigi muri kopja ta rapport maghmul minni u minn George Cremona u ffirmat fil-25 ta Lulju 2000 u nikkonferma li dan ir-rapport ghamiltu jien flimkien ma' George Cremona.*

*Qrib il-fond in kwistjoni ahna morna tlett darbiet bkollox fid-dati u fil-hinijiet fir-rapport indikati. Fl-ewwel zewg okkazzjonijiet meta morna fil-hinijiet indikati habbatna u ma fehilna hadd. Ahna fiz-zewg okkazzjonijiet habbatna, stennejna ftit u meta rajna li ma fetah hadd, tlaqna. Meta accedejna fl-14 ta' Lulju 2000 fid-9.15pm ahna morna ergajna hdejn il-fond "51, Jetties Wharf, Marsa" li jiena niddeskrivi bhala area li tigi ffrekkwentata mill-prostituti. Dak il-hin jiena rajt mara akkumpanjata minn ragel u rajthom it-tnejn dehlin fil-fond 51, Jetties Wharf, il-Marsa. Fdak il-mument jiena u Cremona konna ghadna fil-karozza. Il-karozza kienet ipparkjata quddiem dan il-fond preciz u meta din il-mara ratna hija giet fuqna u staqsietna x' kellna bzonn. Ahna staqsejnieha illi ridna lil Anthony Gatt. Hi rrispondietna illi ma kienx hemm u meta staqsejnieha fejn kien qaltilna li ma kellhiex idea.*

*Kontro-ezami ta Dr. Edward Zammit-Lewis.*

*Naqbel illi mal-gurnata din l-area tintuza mill-haddiema tax-xatt sabiex isir hatt u taghbija minn fuq il-vapuri. Mir-risposta li tatni din il-mara jiena ma fhimtx illi hija ma tafx min hu ghaliex hija qaltli li ma kienx hemmhekk. Li kieku qaltli illi lil Anthony Gatt ma tafx min hu, jiena fir-rapport kont innizzell illi qaltli dan ill-kliem. Il-fatt li mhux qieghed fir-rapport dan il-kliem ifisser li ma qalituliex. Jiena neskludi illi mort xi drabi ohra hdejn il-fond in kwistjoni u nikkonferma li kull meta morna habbatna mal-bieb, hlief fl-ahhar okkazzjoni meta giet tkellimna dik il-mara. Jiena wasalt ghall-konkluzjoni illi Anthony Gatt ma kienx jghix f'dak il-fond peress illi meta morna fil-hinijiet msemmija fir-rapport, meta jiena nghid illi normalment wiehed ghandek issibu d-dar ahna effettivament fl-ebda okkazzjoni ma sibnieh id-dar. Jiena dakinhar ma tlabtx sabiex nidhol fil-fond in kwistjoni sabiex nara jekk Anthony Gatt kienx hemmhekk jew le u hassejt illi f'dawk ic-cirkostanzi kienet perikoluza illi naghmel hekk. Nikkonferma pero` illi f'kazijiet ohra jiena accedejt u dhalt fil-postijiet fejn konna qed naghmlu l-investigazzjonijiet. Jiena wasalt ghall-konkluzzjoni li kien perikoluz illi nidhol f'dan il-fond l-ewwelnett ghax dakinhar osservajt illi kien hemm numru ta' prostituti f'dik it-triq u tant kont konvint li kien perikoluz illi nidhol f'dik id-dar li effettivament lanqas inzilna mill-karozza. Jiena neskludi illi wasalt ghall-konkluzzjoni li l-mara li semmejt kienet toqghod b'mod permanenti f'dan il-fond".*

Gew ezibiti numru ta' kontijiet ta' dawl u ilma dwar il-fond fil-Marsa minn fejn jirrizulta illi fil-maggorparti taghhom fperijodu ta kwazi erba' snin il-kontijiet huma kollha ibbazati fuq stimi peress li meta acceda l-meter reader ma fetahlu hadd. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta wkoll illi dan il-fond huwa registrat mal-Water Services Corporation bhala 'bar'.

Ir-raguni ghaliex id-Direttur waqqaf il-hlas ta' l-ghajnuna socjali kienet li skond hu l-appellant ma kienx qed joqghod fl-indirizz li huwa forna lid-dipartiment. L-appellant sostna li huwa jghix wahdu f'dan il-fond kif ilu jaghmel ghal dawn

l-ahhar 25 sena. Minn ezami tal-kumpless tal-provi kollha prodotti jidher li l-fond in kwistjoni jintuza ghal skopijiet li mghandhom x'jaqsmu xejn mar-residenza ta' l-appellant. Din pero` ma hiex ir-raguni migjuba fid-decizjoni appellata. Fil-fehma ta' l-Arbitru il-kaz jirrikjedi investigazzjoni aktar approfondita minn dik li saret s'issa mid-Dipartiment.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jirrevoka d-decizzjoni appellata b'dan li d-Direttur ghandu jinvestiga dan il-kaz mill-gdid anke fid-dawl tar-rizultanzi processwali ta' dan l-appell."

Illi l-appellant iħoss ruħu aggravat mill-imsemmija deċiżjoni għal tliet raġunijiet: fl-ewwel lok, huwa jgħid li d-deċiżjoni appellata hija kontradittorja għaliex għalkemm ħassret id-deċiżjoni tad-Direttur li jwaqqaflu l-Għajnuna għall-Qgħad, xorta waħda ordnat li d-Direttur jerġa' jinvestiga l-każ mill-ġdid; fit-tieni lok, l-appellant jibqa' jisħaq li huwa joqgħod tassew fl-indirizz imsemmi; u fit-tielet lok, għaliex il-fatt li d-Direttur intalab mill-Arbitru biex jistħarreġ il-każ mill-ġdid ma jintitolax lid-Direttur li jibqa' jċaħħdu mill-ħlas tal-benefiċċju sakemm l-istħarriġ ikun għaddej u minn jaf sakemm idum għaddej;

Illi, min-naħa tiegħu, d-Direttur appellat iwieġeb għall-aggravji tal-appellant billi jgħid li l-appell ma jqanqal l-ebda punt ta' dritt jew prinċipju ta' siwi għaliex il-kostatazzjonijiet magħmulin minnu u konfermati mill-Arbitru huma dwar stat ta' fatt. Iżid jgħid li l-appell mhux imsejjes, la fattwalment u lanqas fid-dritt, minbarra li jmieri lilu nnifsu. Huwa għamel il-verifiki tiegħu u rriżultalu li l-appellant ma jgħixx fl-indirizz mogħti,u m'għandux obbligu li jgħid fejn l-appellant qiegħed tassew jgħix;

Illi l-<u>fatti ewlenin li joħorġu mill-atti proċesswali</u> juru li l-appellant, li llum għandu qrib wieħed u ħamsin (51) sena[2], kien ilu jingħata Għajnuna għall-Qgħad sa mill-1995. Huwa ta lid-Dipartiment l-indirizz imsemmi fil-Karta tal-Identita' tiegħu jiġifieri 51, Xatt il-Mollijiet, Marsa. Wara li sar rapport anonimu f'Ġunju tal-2000, f'medda ta' madwar

[2] Paġ. 48 tal-proċess

xahar, żewġ (2) spetturi tad-Dipartiment – Ian Napier u George Cremona – marru fl-imsemmi indirizz tlitt (3) darbiet f'ħinijiet differenti u qatt ma sabu lill-appellant hemm[3]. F'waħda minn dawk l-okkażjonijiet kienet marret tkellimhom mara li huma raw ħierġa mill-post u staqsiethom x'kienu qegħdin jagħmlu hemm. L-appellant ta dikjarazzjoni miktuba lid-Dipartiment fit-23 t'Awissu, 2000[4], biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti. Ftit ġimgħat wara, d-Direttur għarraf lill-appellant li kien ordna li jwaqqaflu l-Għajnuna għaliex wasal għall-fehma li l-appellant ma jgħixx fl-indirizz mogħti. L-appellant appella minn dik id-deċiżjoni fl-14 ta' Settembru, 2000[5], għal quddiem l-Arbitru. Fit-2 t'Ottubru, 2001, l-Arbitru ta d-deċiżjoni tiegħu li ħassret id-deċiżjoni tad-Direttur u talbitu jistħarreġ il-każ mill-ġdid;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jirrigwardaw, qabel xejn, l-aggravju tal-appellant li d-deċiżjoni appellata hija kontradittorja. L-appellant jirraġuna li, ladarba l-Arbitru qatagħha li jħassar id-deċiżjoni tad-Direttur appellat li jwaqqaf il-ħlas tal-benefiċċju, id-deċiżjoni kellha tieqaf hemm. Kemm hu hekk, huwa qiegħed jitlob il-konferma ta' dik il-parti tad-deċiżjoni arbitrali li laqgħet l-appell tiegħu. Imma l-appellant qiegħed jgħid – mhux mingħajr raġuni – li, minkejja dik id-deċiżjoni, huwa xorta waħda baqa' mċaħħad mill-Għajnuna għall-Qgħad daqslikieku tilef, u mhux rebaħ, l-appell. Dan l-argument jimplika li jekk id-deċiżjoni tad-Direttur kienet imsejsa biss fuq konklużjoni li l-benefiċjarju tal-Għajnuna ma kienx qiegħed jgħix fl-indirizz mogħti, ladarba l-Arbitru ma sabx li dik il-kawżali kienet mistħoqqa (u bilfors li kien hekk, għaliex kieku ma kienx iħassar id-deċiżjoni tad-Direttur) ma kien hemm l-ebda għażla ħlief dik li l-Għajnuna terġa' tibda tingħata lill-appellant. Effett ieħor hu li t-tħassir tad-deċiżjoni tad-Direttur suppost iwassal biex iqiegħed kollox fil-qagħda li kien qabel ittieħdet dik id-deċiżjoni;

Illi fis-sempliċita' tiegħu, l-argument tal-appellant imur għal ras il-għajn u fih innifsu jagħti lok għal eżami tal-qagħda

[3] Paġ. 46 tal-proċess
[4] Paġ. 47 tal-proċess
[5] Paġ. 52 tal-proċess

legali li titnissel minn sitwazzjoni bħal din. Dan jingħad fl-isfond tal-istħarriġ ġudizzjarju li din il-Qorti hija mitluba li twettaq għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-Arbitru;

Illi huwa prinċipju llum aċċettat[6] li, bħala regola, fi kwestjonijiet ta' apprezzament ta' provi jew fatti sottomessi, Qorti ta' reviżjoni ma twarrabx bla bżonn id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant dwar dawk il-provi, u dan sakemm ma jkunx jidher fil-fehma tal-Qorti ta' reviżjoni li tali apprezzament ikun sejjer iġib inġustizzja fid-dieher lill-parti jew jekk id-diskrezzjoni tal-ewwel ġudikant tkun intużat ħażin[7]. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll fejn l-apprezzament tal-provi jsir minn tribunal jew korp li huwa fdat b'liġi li jaġġudika[8];

Illi huwa wkoll prinċipju stabilit fil-qasam tad-Dritt Pubbliku li meta Qorti tistħarreġ l-operat ta' tribunal jew korp li għandu s-setgħa bil-liġi li jagħti ġudizzju, hija għandha tillimita ruħha biex tqis jekk, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, tali tribunal jew korp ikunx ħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali, jekk ikunx aġixxa fil-parametri tal-liġi li bis-saħħa tagħha twaqqaf u jekk fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu jkunx kiser xi dispożizzjoni ta' liġi[9]. Mela m'huwiex miftuħ lill-Qorti li tagħmel stħarriġ li tibdel il-ġudizzju tagħha għal dak tat-tribunal jew korp li jkun, ukoll jekk ma taqbilx mal-konklużjoni li tali tribunal jew korp ikun wasal għaliha. Lanqas ma huwa mħolli lill-Qorti li tagħmel ġudizzju dwar jekk hija tqisx id-deċiżjoni mistħarrġa bħala waħda siewja. F'dan id-dawl irid jiġi meqjus l-aggravju tal-appellant dwar id-deċiżjoni tal-Arbitru minnu impunjata;

Illi, madankollu, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tibda biex tosserva li mkien fid-deċiżjoni appellata ma jingħad mill-Arbitru li l-Għajnuna lill-appellant kellha titwaqqaf jew tibqa' mċaħħda lilu. Il-parti dispożittiva tad-deċiżjoni appellata kienet sempliċement it-tħassir tad-deċiżjoni preċedenti tad-Direttur appellat. Jidher li d-direttiva biex id-Direttur jerġa' jistħarreġ il-każ fid-dawl ta'

---

[6] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **10.2.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Magri et vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLV.i.47**)
[7] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Emily Stivala et vs George Paċe*** (mhix pubblikata)
[8] App Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manche' noe vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[9] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **20.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***John Holland noe vs Julian Schembri*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv.**13.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia noe et vs Debono et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.262**) u l-każijiet imsemmijin fihom

dak li irriżulta waqt il-proċeduri arbitrali ma kienet bl-ebda mod tfisser li l-Għajnuna lill-appellant tibqa' miżmuma. Jekk sar hekk, dan kien il-mod kif id-Direttur appellat interpreta jew applika d-deċiżjoni appellata;

Illi l-Qorti tifhem li jekk dan huwa l-każ, l-appell preżenti jew mhux imsejjes fid-dritt jew mhux il-proċedura li l-appellant messu ħa. Mhux imsejjes fid-dritt għaliex ma jirriżultax li d-deċiżjoni appellata hija kontradittorja, billi ma hemm fiha l-ebda deċiżjoni li twaqqa' xi ordni oħra. Deċiżjoni waħda fiha s-sentenza appellata: dik li tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur li jwaqqaf il-ħlas tal-Għajnuna lill-appellant. Mhux il-proċedura xierqa għaliex l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fl-imġiba tad-Direttur appellat b'effett ta' dik id-deċiżjoni appellata, u dak l-għamil ma jiġix indirizzat b'appell lil din il-Qorti mid-deċiżjoni tal-Arbitru, imma bi proċedura oħra disponibbli lill-appellant taħt il-liġi proċedurali ordinarja;

Illi l-fatt li l-Arbitru, fil-parti dispożittiva tad-deċiżjoni tiegħu, irrakkomanda li d-Direttur jagħmel investigazzjoni ġdida **fuq kawżali oħrajn** ma hija xejn għajr tismija ta' setgħa li kemm l-Arbitru u kemm id-Direttur appellat diġa' jħaddnu fil-liġi[10] - dik li jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom fiċ-ċirkostanzi kontemplati mil-liġi nfisha. Fi kliem ieħor, lanqas mill-aspett ta' operat tal-Arbitru fil-parametri ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-użu tad-diskrezzjoni tiegħu ma jista' jingħad li d-deċiżjoni appellata hija *ultra vires*. Mingħajr rakkomandazzjoni bħal dik, id-Direttur seta' dejjem u minn rajh xorta waħda beda stħarriġ ieħor fir-rigward tal-appellant dwar l-eliġibilita' ta' dan għall-benefiċċji maħsuba fil-liġi. Jiġifieri, biha jew mingħajr dik ir-rakkomandazzjoni, id-deċiżjoni appellata kienet tibqa' l-istess: it-tħassir tad-deċiżjoni tad-Direttur appellat u hekk ukoll imissha ġiet mifhuma minnu;

Illi iżjed minn hekk mhux il-każ li din il-Qorti ttawwal aktar. U lanqas ma għandha għalfejn toqgħod tqis il-kwestjoni ta' fejn tassew jgħix l-appellant għaliex, fl-ewwel lok, l-appellant ma qanqal l-ebda kwestjoni dwarha fir-Rikors

[10] Ara art.110 tal-Kap 318

tiegħu u, iżjed importanti, fit-tieni lok, għaliex jidher li l-Arbitru nnifsu ma qiesx siewja d-deċiżjoni tad-Direttur mibnija fuq dik il-kawżali. U ladarba din il-Qorti ma tara li hemm xejn difettuż jew fondamentalment ħażin fil-konklużjonijiet li wasal għalihom l-Arbitru, ma hux il-każ li tindaħal fl-użu ta’ dik id-diskrezzjoni. Huwa minnu l-Direttur appellat jerġa’ jinsisti – fis-sottomissjonijiet li saru quddiem din il-Qorti mill-abbli avukat difensur tiegħu – fuq dak l-argument tal-post tar-residenza tal-appellant: imma dan jagħmlu fit-Tweġiba tiegħu għar-Rikors tal-appell. Id-Direttur f’dan il-każ m’huwiex l-appellant u ma appellax mid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk il-Qorti lanqas tista’ tqis il-kwestjoni tal-veru indirizz tal-appellant ladarba appell fuq din il-kwestjoni ma sar minn ħadd;

Illi l-aggravji l-oħrajn tal-appellant huma marbutin sfiq mal-ewwel wieħed għaliex jitnisslu minnu, u għalhekk ladarba din il-Qorti ma sabet l-ebda siwi fid-dritt għall-ewwel aggravju tal-appellant, isegwi li lanqas iż-żewġ aggravji l-oħrajn m’huma rilevanti jew mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq minn Anthony Gatt bħala mhux mistħoqq fid-dritt u l-fatt u tikkonferma d-deċiżjoni appellata, bla ħsara għall-jedd tal-appellant għal kull rimedju proċedurali ieħor spettanti lilu, imma, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tiddeċiedi li l-ispejjeż ta’ dan l-appell jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------